MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 273/2011

**Dr Ludvic Caruana (ID-91570M) u
Dr Silvana Borg Caruana (ID-232073M)**

**vs**

**Eman sive Emman Attard (ID-20981M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jiddikjara ghaliex m'ghandux ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sitta u hamsin Ewro (€556) rapprezentanti spejjez u hlasijiet professjonali rezi mill-atturi lill-konvenut fis-sena 2009, u dan wara diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-24 ta' Novembru, 2009, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali *4740/2010*. Il-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija sitta u hamsin Ewro (€556.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------